A.L. 267 ta' l-2006

ATT DWAR L-IMMIGRAZZJONI
(KAP. 217)

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET
(KAP. 35)

Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Drittijiet li jitħallsu dwar Permessi għal Residenza u Liċenzi għal Impieg

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 36 ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni u bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Drittijiet li jitħallsu dwar Permessi għal Residenza u Liċenzi għal Impieg, u r-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1993 dwar Drittijiet li jitħallsu dwar Permessi għal Residenza u Liċenzi għal Impieg, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 15 ta' l-1993.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru, 2006.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, il-partiti 2, 3 u 4 tar-regolament għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-partiti 3, 4 u 5 tar-regolament rispettivament, u minnufih wara l-partita 1 tar-regolament għandha tiżdied din il-partita ġdida li ġejja:-

Ħwejjeġ li dwarhom jista' jinġabar dritt

Dritt li jitħallas.

"2. Ħruġ ta' permess ta' residenza uniformi, skond ir-regolamenti 12(1) u 21 tar-Regolamenti ta' l-2004 dwar l-Immigrazzjoni (A.L. 205 ta' l-2004), għal kull sena konċessa jew parti minnha ..... Lm10".